

32004D0575

L 261/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.8.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-29 ta' April 2004

dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Barċellona għall-Protezzjoni tal-baħar Mediterran kontra t-Tniġġis, dwar koperazzjoni għall-prevenzjoni tat-tniġġis minn vapuri u, f'każijiet ta' emerġenza, għall-ġlieda kontra t-tniġġis tal-Baħar Mediterran

(2004/575/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-politika tal-Komunità Ewropea dwar l-ambjent tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' l-għanijiet li jinkludu l-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib fil-kwalità ta' l-ambjent u tippromwovi miżuri fuq livell internazzjonali sabiex jindirizzaw problemi ambjentali reġjonali jew dinjija.
- (2) Il-Komunità Ewropa hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterranju kontra t-Tniġġis (Il-Konvenzjoni ta' Barċellona), approvata permezz tad-Deċiżjoni 77/585/KEE ⁽²⁾, u r-reviżjoni tagħha ta' l-1995, approvata bid-Deċiżjoni 1999/802/KE ⁽³⁾. Il-Komunità hija wkoll Parti Kontraenti għall-erba' Protokoll tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, inkluż il-Protokoll dwar il-koperazzjoni fil-ġlieda kontra t-tniġġis fil-Baħar Mediterran permezz ta' żejt u sustanzi li jikkawżaw ħsara f'każijiet ta' emerġenza approvata permezz tad-Deċiżjoni 81/420/KEE ⁽⁴⁾.
- (3) Il-Kummissjoni ħadet sehem, fisem il-Komunità, fin-negozjati dwar il-Protokoll dwar il-koperazzjoni għall-prevenzjoni tat-tniġġis minn vapuri, u f'każijiet ta' emerġenza, għall-ġlieda kontra t-tniġġis tal-Baħar Mediterran (il-Protokoll), fuq il-bażi ta' direttivi għan-negozjar mogħtija mill-Kunsill nhar il-25 ta' Jannar 2000.
- (4) Nhar il-25 ta' Jannar 2002, il-Komunità ffirmat il-Protokoll f'Malta.
- (5) Il-Protokoll jaġġorna l-istrumenti legali tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, sabiex jinkludu l-koperazzjoni fuq il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti, sabiex jagħmel

koperazzjoni aktar effettiva frisposta għall-inċidenti ta' tniġġis u sabiex jippromwovi l-implimentazzjoni tar-regolamenti internazzjonali applikabbli.

- (6) Il-Protokoll, li ma jaffettwax id-dritt tal-Partijiet li jadottaw miżuri relevanti aktar stretti b'mod konformi mal-liġi internazzjonali, fih il-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw li jkun hemm xi inkoerenza mal-leġislazzjoni tal-Komunità diġà fis-seħħ fl-oqsma koperti bil-Protokoll.

- (7) Il-Komunità għandha għalhekk tapprova l-Protokoll,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll tal-Konvenzjoni ta' Barċellona għall-Protezzjoni ta' l-Ibħra Mediterranji kontra t-Tniġġis dwar il-koperazzjoni fil-prevenzjoni tat-tniġġis minn bastimenti u, f'każijiet ta' emerġenza, fil-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar Mediterran, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Protokoll", huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna(i) mogħtija s-setgħa, fisem il-Komunità Ewropea, li tiddeposita f'idejn il-Gvern Spanjol, l-istrument ta' approvazzjoni tal-Protokoll, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23 tal-Protokoll.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar it-29 ta' April 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. McDOWELL

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija nhar l-10 ta' Frar 2004 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 240, tad-19.9.1977, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 322, ta' l-14.12.1999, p. 32.

⁽⁴⁾ ĠU L 162, tad-19.6.1981, p. 4.